MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Numru 357/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Morgan Azzopardi**
**Spettur Chris Galea Scanura**

**V**

**JOSEF FARRUGIA**
**MARIA FARRUGIA**
**JOHN POLIDANO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **JOSEF FARRUGIA** ta' tnejn w ghoxrin sena bin Anthony u Mary nee Cilia, imwieled Pieta nhar d-dsatax ta' Marzu 1989 u residenti 5, Triq Gardenia, Santa Lucija, detentur tal-karta tal-identita numru 168580M, **MARIA FARRUGIA nee CILIA** ta' erbgha w erbghin sena, armla tal-mejjet Anthony, bint il-mejjet Pawlu Cilia u Grazia nee Abela, imwieleda Zejtun nhar l-wiehed u tletin ta' Dicembru 1956 u residenti 5, Triq Gardenia, Santa

Lucija, detentrici tal-karta tal-identita numru 69157M u **JOHN POLIDANO** ta’ tmienja w tletin sena bin il-mejjet Rosario u Josephine nee Mangion, imwieled Pieta nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Lulju 1965 u residenti 65, Triq d-Duluuri, Birzebbuga, detentur tal-karta tal-identita numru 360965M gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

**Lil Josef Farrugia u Maria Farrugia wahedhom**

a. talli fid-disgha ta’ April 2002 gewwa Wied il-Ghajn, filghodu, bil-hsieb li jaghmlu delitt ju cioe serq ta’ diversi oggetti fosthom sigaretti, flus u xorb ghad-dannu ta’ Daniel Spagnol minn Marsascala, liema serq kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta taghhom;

b. talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioe serq ta’ diversi oggetti fosthom flus, biljetti tal-lottu u *computers* ghad-dannu ta’ Joe Corrado minn Santa Lucija, liema serq kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin imma ma jeccidix l-elf lira maltin, urew dan il-hsieb b’atti esterni, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta taghhom;

c. talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioe serq ta’ diversi oggetti fosthom flus u xorb ghad-dannu ta’ Vincent Zahra minn Hal Ghaxaq, liema serq kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin imma ma jeccidix l-elf lira maltin, urew dan il-hsieb b’atti esterni, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta taghhom;

d. talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioe serq ta’ flus ghad-dannu ta’ Matthew Pace, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, urew dan il-hsieb b’atti esterni, liema delitt ma giex esegwit

minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta taghhom;

e. talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, wara li gew kundannati f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, nstabu ghandhom ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi minghajr ma taw kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu nstabu ghandhom f'dak iz-zmien;

**Lil Josef Farrugia wahdu**

f. talli kiser sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta'Malta [Magistrat Dottor Jacqueline Padovani Grima] datata erbgha ta' Ottubru 2000, liema sentenza giet deciza w iffinalizzata;

g. talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta [Magistrat Dottor Noel Cuschieri] datata sebgha ta' Mejju 1999 liema sentenza giet deciza w iffinalizzata.

**Lil John Polidano wahdu**

h. talli fid-disgha ta' April 2002 gewwa Wied il-Ghajn, filghodu b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lil Josef Farrugia u lil Mary Farrugia bhala awturi tad-delitt u cioe serq fl-atti li bihom d-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat;

i. talli sar recidiv b'zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datati tlieta w ghoxrin ta' Marzu 1999 u ghaxra ta' Novembru 1998 [Magistrat Dottor Noel Cuschieri], liema sentenzi gew decizi w iffinalizzati.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbatax ta' April 2005 [fol 152] tal-atti sabiex, fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputati, din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil l-imputati kollha jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' gudikatura

kriminali kif jirrizulta mill-verbal tal-wiehed u tletin ta' Mejju 2005 [fol 154].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti.

Rat is-sentenza esibita a fol 72 tal-atti markata bhala dokument NH 1 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta per Magistrat Dottor Noel Cuschieri nhar t-tlieta ta' Marzu 1999 fil-konfront tal-imputat John Polidano, s-sentenza esibita a fol 124 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta per Magistrat Dottor Noel Cuschieri nhar l-ghaxra ta' Novembru 1998 fil-konfront tal-imputat John Polidano, s-sentenza esibita a fol 157 tal-atti markata bhala dokument MB moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta per Magistrat Dottor Noel Cuschieri nhar s-sebgha ta' Mejju 1999 fil-konfront tal-imputat Josef Farrugia u s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta per Magistrat Dottor Jacqueline Padovani Grima fil-konfront tal-imputati Josef Farrugia u ohrajn nhar l-erbgha ta' Ottubru 2000 esibita a fol 163 markata bhala dokument EC.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-ghaxra ta' Mejju 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-hdax ta' Gunju 2003 **xehed l-Ispettur Morgan Azzopardi** [fol 31] fejn qal li nhar d-disgha ta' April 2002 kien gie nfurmat li kien hemm mara u guvni li kienu qed jisgassaw xi hwienet Triq x-Xatt, Wied il-Ghajn. Qal li PS 1428 Jesmond Delia, PC 248 Anthony Axiaq u PC 1603 Mario Muscat immedjatament nizlu fuq l-post fejn iltaqghu ma zewg nisa, li xtaqu jibqghu anonimi, li qalulhom li ftit tal-hin qabel kien hemm guvni bi skufja go rasu u mara li kienu qed jippruvaw jisgassaw t-twieqi tal-banka tal-lottu li hemm fi Pjazza Dun Tarcis, Wied il-Ghajn. Dawn in-nisa qalu lil pulizija li kienu segwew lil dawn iz-zewg persuni u rawhom jisgassaw tieqa fil-gemb tal-hanut 'Tiny Mint' li hemm fl-istess triq kif wkoll *Kid Ride machine* li hemm fejn l-istabbiliment 'Summer Nights'. Qalulhom wkoll li wara

raw lil dawn iz-zewg minn nies jirkbu f'karozza tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni EAN 349 u jitilqu fid-direzzjoni tal-Jerma Palace Hotel.

Ix-xhud zied jghid li l-pulizija komplew ifittxu din il-vettura li fil-fatt instabet hdejn il-Beach Comber fil-bajja ta' San Tumas u fiha kien ghad hemm l-imputat John Polidano. Saret tfittxija fil-karozza u sakemm kien qed isir dan, dahlet telefonata fuq il-mobile ta' John Polidano, li ghandu n-numru 79265453, u PS 1428 Jesmond Delia wiegeb hu dan il-mobile tal-imputat John Polidano u sema' persuna b'lehen irqieq jistaqsi fejn kien qieghed u biex jghaddi ghalihom. Kompla jghid li l-istess Surgent wiegeb li kien hdejn il-Beach Comber u kif s-Surgent qal hekk, minn kien qata t-telefonata.

Qal li John Polidano ttiehed l-ghassa sakemm tkompliet t-tfittxija ghat-tnejn l-ohra, li aktar tard instabu fi Triq il-Granmastri, li tigi wara c-cinema ta' Wied il-Ghajn. Irrizulta li dawn iz-zewg malviventi kienu l-imputat odjern Josef Farrugia w ommu Maria Farrugia minn Santa Lucija. Saret tfittxija fuq Josef Farrugia fejn irrizulta li kellu tornavit b'manku ahmar li gie esibit bhala dokument AM, mobile phone bin-numru 79255453 li hu l-istess numru li kien deher fuq il-mobile ta' John Polidano aktar kmieni, li wkoll gie esibit bhala dokument AM 1. Fuq Maria Farrugia, l-imputata odjerna, nstabet lieva sewda li kellha sinjali ta' brix fuqha u li giet esibita bhala dokument AM 2.

Ix-xhud kompla jghid li sussegwentement Josef Farrugia gie mitkellem minnu wara li nghata s-solita twissija, pero dan kien ghazel li ma jirrispondix ghad-domandi li sarulu. Ix-xhud esibixxa din l-istqarrija li giet mmarkata bhala dokument CSH 1 [fol 38] liema stqarrija hija ffirmata minnu, mis-Surgent 1428 Jesmond Delia u PC 527 S. Camilleri, filwaqt li l-imputat ghazel li ma jiffirmax.

Kompla jghid li sussegwentement hu tkellem mal-imputat John Polidano li cahad li kien rikkeb xi nies fil-karozza tieghu u mistoqsi x'kien qed jaghmel hdejn il-Beach Comber fil-karozza wahdu fil-hamsa ta' filghodu, wiegeb li hu kien qed jiehu pjacir fil-karozza tieghu. Ix-xhud zied

jghid li l-imputat John Polidano kien qallu wkoll li lil Josef Farrugia u lil Maria Farrugia ma kienx jafhom. Ix-xhud esibixxa l-istqarrija mehuda minn John Polidano li giet mmarkata bhala dokument CSH [fol 35] fejn fuqha kkonferma l-firma tieghu, dik ta’ PS 91 Michael Buttigieg u l-firma tal-imputat John Polidano.

Ix-xhud kompla jghid li wara kellem lil imputata Maria Farrugia u wara li taha s-solita twissija, hi spjegat l-presenza taghha u ta’ binha l-imputat dak l-hin f’Wied il-Ghajn billi qalet li kienet sejra twaqqa cint bla permess bil-lieva li nstabet fuqha aktar kmieni.  F’xi mumenti cahdet li hadet sehem f’xi attentat ta’ serq u f’xi mistoqsijiet ohra ghazlet li ma tirrispondix.  Ix-xhud esibixxa l-istqarrija rilaxxjata minn Maria Farrugia li giet mmarkata bhala dokument CSH 2 [fol 41] w ikkonferma l-firma tieghu, dik ta’ PS 91 Michael Buttigieg, ta’ WPC 65 Ruth Inguanez u tal-imputata fuqha.  Esibixxa wkoll ricevuta ffirmata minn Josef Farrugia u minn PS 1428 Jesmond Delia ghal xi affarijiet fosthom mobile Nokia mudell 3310, sim card li gew elevati minn fuq il-persuna tal-istess Josef Farrugia, li gew mmarkati bhbala dokument CSH 3.  Esibixxa wkoll mobile phone tal-marka Ericsson mudell A 101AS, battery tal-istess mobile phone u Vodafone sim card elevati minn fuq l-imputat John Polidano li gew mmarkati komplessivament bhala dokument CSH 4.

Illi nhar l-hdax ta’ Gunju 2003 **xehed PS 1428 Jesmond Delia** [fol 46] fejn qal li fid-disgha ta’ April 2002 kien ircieva telefonata anonima ghal habta tal-hamsa w kwart ta’ filghodu li kien hemm xi guvni u mara li kienu lebsin beritta u skufja jippruvaw jisirqu minn diversi hwienet u jisgassaw t-tieqa tal-banka tal-lottu li hemm Pjazza Dun Tarcis.  Zied jghid li min cempel kien qallu li kien segwa lil dawn t-tnejn u rawhom jippruvaw jisgassaw twieqi ta’ hanut bl-isem ‘Tiny Mint’ w aktar tard jisgassaw magna tad-divertiment tat-tfal.  Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza mehuda minnu li giet mmarkata bhala dokument AM [fol 48].  Ix-xhud ikkonferma li l-lieva u tornavit esibiti fl-atti huma l-istess oggetti li gew elevati minn fuq l-imputati aktar tard.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2004 **xehed PS 1428 Jesmond Delia** [fol 114] fejn ikkonferma li kien presenti ghat-tehid tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Josef Farrugia wara li nghata s-solita twissija. Hu kkonferma kemm il-firma tieghu, dik ta' PC 527 S. Camilleri u tal-Ispettur Morgan Azzopardi fuq kull faccata tal-istqarrija a fol 38 filwaqt li l-imputat presenti fl-awla ghogbu ma jiffirmax.

Illi nhar l-hdax ta' Gunju 2003 **xehed PC 248 Anthony Axiaq** [fol 51] fejn qal li fid-disgha ta' April 2002 kien ircieva telefonata l-ghassa li kien hemm xi neis li kienu qed jippruvaw jisirqu w ghalhekk nizlu fuq l-post. Qal li mieghu kien hemm PC 1603 Mario Muscat fejn sabu li l-post indikat fit-telefonata kellu sinjali ta' sgass. Qal li sakemm kienu fuq l-post, raw zewg minn nies li qalulhom li kienu raw kollox u tawhom in-numru ta' vettura li kien EAN 349 ta' kulur *silver*. Zied jghid li komplew iduru w appena kienu ser iduru man-naha tar-*roundabout* hdejn il-Beach Comber, raw il-karozza ndikata li fiha kien hemm ragel mimdud u meta avvicinaw din il-vettura, fiha sabu lil imputat John Polidano, li gharaf presenti fl-awla. Qal li staqsewh x'kien qed jaghmel hemm u dan irrisponda li kien qed jistrieh. Kompla jghid li waqt li kienu qed ikellmuh, John Polidano rcieva telefonata fuq il-mobile tieghu w s-Surgent hadlu l-mobile u rrispondih hu. Ix-xhud ikkonferma li l-mobile esibit fl-atti huwa l-istess mobile li s-surgent kien ha minn idejn l-imputat John Polidano. Zied jghid li s-surgent, meta pprova jitkellem ma min kien cempel fuq dan il-mobile, kien stiednu biex imur ghalih pero sussegwentement wara qata. Ix-xhud kompla jghid li ghalhekk halla lil PC 1603 Mario Muscat hdejn l-imputat John Polidano u telaq l-isfel fejn iltaqa ma zewg persuni ohra li kienu l-imputati Josef Farrugia w ommu Maria Farrugia, l-imputati presenti fl-awla, li kienu dehlin fi Triq il-Granmastri w ghamlulhom tfittxija fuq il-persuna taghhom minn fejn elevaw tornavit bil-manku ahmar u *crow bar* li gharaf bhala dawk esibiti fl-atti. Qal li meta talbu spjegazzjoni ghal x'hiex kienu fuqhom dawk l-oggetti, Maria Farrugia qalet li kienu ser jmorru jwaqqghu cint li kien bla permess.

Illi nhar l-hdax ta’ Gunju 2003 **xehed PC 1603 Mario Muscat** [fol 31] fejn ikkonferma x-xhieda li kien ta PS 248 Anthony Axiaq.

Illi nhar s-sbatax ta’ Novembru 2003 **xehed l-allura Spettur Neil Harrison** [fol 70] fejn esibixxa sentenza moghtija nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Marzu 1999 mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta per Magistrat Dottor Noel Cuschieri fil-konfront tal-imputat John Polidano. Ix-xhud ikkonferma li l-imputat imsemmi f’din s-sentenza huwa l-istess imputat f’dawn il-proceduri odjerni peress li f’dik is-sentenza hu kien l-Ufficjal Prosekutur w Investigattiv. Din s-sentenza tinsab esibita a fol 72 tal-atti markata bhala dokument NH 1.

Illi nhar s-sbatax ta’ Novembru 2003 **xehdet WPS 65 Ruth Inguanez** [fol 74] fejn ikkonfermat l-firma taghha, dik tal-imputata Maria Farrugia, dik ta’ PS 91 Michael Buttigieg u tal-Ispettur Morgan Azzopardi fuq l-istqarija rilaxxjata mill-imputata Maria Farrugia wara li nghatat s-solita twissija.

Illi nhar s-sbatax ta’ Novembru 2003 **xehed PS 132 Joseph Camilleri** [fol 76] fejn qal li nhar d-disgha ta’ April 2002 kien ircieva rapport minghand Daniel Spagnol, ghal habta tal-erbgha ta’ wara nofsinhar, li kien hemm xi nies li kienu qed jippruvaw jidhlu fil-klabb tal-bocci ta’ M’Scala u dan billi qalghu tlett bicciet tal-hadid minn tieqa zghira fuq in-naha tal-lemin. Dan kien qallu li pero dawn il-persuni m’irnexxilhomx jidhlu peress li hemm tieqa ohra tal-hadid wara. David Spagnol kien qallu wkoll li l-ahhar li kien ra dan il-fond intatt kien nhar t-tmienja ta’ April 2002 ghal xi l-ghaxra ta’ bil-lejl w innota l-hsara nhar d-disgha ta’ April 2002 ghal xi l-erbgha ta’ wara nofsinhar. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument NH [fol 78].

Illi nhar s-sbatax ta’ Novembru 2003 **xehed Vincent Zahra** [fol 81] fejn qal li hu jahdem fil-*catering* u li ghandu stabbiliment maghruf bhala ‘Tiny Mint’ sitwat fi Triq il-Marina, M’Scala. Qal li fid-disgha ta’ April 2002, ghal xi d-

disgha ta’ filghodu meta mar biex jiftah dan l-istabbiliment, wara l-hanut hemm tieqa zghira li sabha sgassata, pero fil-hanut ma kien dahal hadd. Qal li bhala *stock* hu jzomm cirka elf lira li jikkonsisti f’xorb alkoholiku. Stqarr li lil imputati ma jafhomx u li qatt ma rahom qabel.

Illi nhar s-sbatax ta’ Novembru 2003 **xehed Matthew Pace** [fol 83] fejn qal li hu ghandu hanut bl-isem ‘Summer Nights’ f’M’Scala u li fid-disgha ta’ April 2002 mar biex jifthu u sab l-*kiddie ride* w *amusement machine* li hu ghandu barra l-istess hanut, kienu sgassati. Qal li l-aktar li jkun fihom bhala flus kien cirka hamsin lira maltin.

Illi nhar s-sbatax ta’ Novembru 2003 **xehed Joseph Corrado** [fol 85] fejn qal li hu jahdem bhala *lotto reciever* fil-banka tal-lottu numru 54 f’M’Scala. Qal li hu mar biex jiftah din il-banka peress li xi hadd kien qallu li kien hemm xi persuni li kienu pprovaw jisgassawha. Qal li meta ttawwal fit-tieqa li hemm wara, sab li kien hemm xi marki ta’ sgass w ghalhekk mar jaghmel rapport l-ghassa Haz Zabbar. Qal li hemmhekk hu jkollu t-*terminals* tal-*computer* u xi flejjes zghar, cirka hamsin lira. Mistoqsi x’hinu l-valur tat-*terminals* x-xhud wiegeb li ma kienx jaf ghaliex dawk huma proprjeta tad-dipartiment. Mistoqsi jekk qattx ra lil imputati, x-xhud wiegeb li lanqas jafhom u qatt ma rahom.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Lulju 2004 **xehed PC 527 Stephen Camilleri** [fol 117] fejn ikkonferma li kien presenti ghat-tehid tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Josef Farrugia wara li nghata s-solita twissija. Hu kkonferma kemm il-firma tieghu, dik ta’ PC 1428 Jesmond Delia u tal-Ispettur Morgan Azzopardi fuq kull faccata tal-istqarrija a fol 38 filwaqt li l-imputat presenti fl-awla ghogbu ma jiffirmax.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Settembru 2004 **xehed l-Ispettur Mario Bonello** [fol 123] fejn esibixxa kopja ta’ sentenza datat ghaxra ta’ Novembru 1998 moghtija fil-konfront tal-imputat John Polidano li gharaf presenti fl-

awla, liema sentenza giet mmarkata bhala dokument MB [fol 124].

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Settembru 2004 **xehed Daniel Spagnol** [fol 126] fejn qal li fis-sena 2002 hu kellu hanut tax-xorb bl-isem ‘Klabb tal-Bocci’, M’Scala. Qal li fix-xahar ta’ April 2002, kien ghamel rapport ghaliex kien sab xi sgass fit-twieqi tal-istess hanut. Qal li mill-hanut ma kien naqaslu xejn pero kien sab marki ta’ lieva. Qal li l-valur tal-oggetti li kellu fil-hanut dakinhar kien jaqbez l-elf lira maltin.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta’ Mejju 2005 **xehed l-Ispettur Mario Bonnici** [fol 155] fejn qal li esibixxa kopja ta’ sentenza moghtija mill-Magistrat Dottor Noel Cuschieri nhar s-sebgha ta’ Mejju 1999 fil-konfront tal-imputat odjern Josef Farrugia. Qal li l-imputat imsemmi f’dik s-sentenza huwa l-imputat odjern u dan peress li hu kien l-Ufficjal Prosekutur f’dik s-sentenza. Din s-sentenza giet mmarkata bhala dokument MB [fol 157].

Illi nhar l-wiehed u tletin ta’ Mejju 2005 **xehed Emanuel Camilleri** [fol 161] fejn qal li llum il-gurnata hu m’ghadux fil-Korp tal-Pulizija. Esibixxa kopja ta’ sentenza datata erbgha ta’ Ottubru 2000 moghtija fil-konfront tal-imputati odjern Josef Farrugia u ohrajn li giet mmarkata bhala dokument EC [fol163]. Qal li f’dik s-sentenza hu kien l-Ufficjal Prosekutur w ikkonferma li l-imputat Josef Farrugia msemmi f’dik is-sentenza huwa l-imputat odjern.

Illi nhar l-ghaxra ta’ Mejju 2006 **xehed Ray Grech** [fol 180] ghan-nom w in rappresentanza tal-Agenzija Sedqa. Qal li l-imputat John Polidano li gharaf presenti fl-awla, beda programm maghhom f’Ottubru 2004 u li r-*residential case* tieghu kienet itwal minn dawk normali w imbaghad *re-entry.* Qal li bhalissa jinsab f’din il-fazi tar-*re entry* u qed jahdem b’mod regolari. Qal li ghandhom jorqod nhar ta’ Tnejn, nhar ta’ Tlieta, nhar ta’ Erbgha u nhar ta’ Hamis u l-granet l-ohra imur d-dar. Zied jghid li problemi ma johloqx.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati ma xehdux f’dawn il-proceduri izda rrilaxxjaw stqarrija u ghalhekk din il-Qorti thoss li huwa t’importanza kbira li tezamina fid-dettal dawn t-tlett dokumenti.
John Polidano fl-istqarrija tieghu dokument CSH [fol 35], jghid li huwa ghandu vettura tal-ghamla Ford Escort kulur griz bin-numru ta’ registrazzjoni EAN 349. Mistoqsi x’kien qed jaghmel Wied il-Ghajn fil-hinijiet bikrin ta’ filghodu, wiegeb li kien qed jiehu pjacir fil-karozza. Huwa jichad li dakinhar kien rikkeb tnejn minn nies mieghu fil-vettura tieghu. Mistoqsi jekk gharafx t-telefonata li dahlet fuq il-mobile tieghu, waqt li kien ma pulizija ghall-habta tal-hamsa ta’ filghodu, hu wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jafx lil imputati odjerni, wiegeb wkoll fin-negattiv. John Polidano sostna bil-qawwa kollha tul l-istqarija tieghu li lil imputati ma jafhomx u li ma kienx maghhom dak l-lejl.

Josef Farrugia, a tempo vergine tar-rilaxx tal-istqarrija tieghu [fol 38] ma wegibx ghad-domandi li sarulu mill-pulizija investigattiva u lanqas ghad-domanda x’kien qed jaghmel Wied il-Ghajn dakinhar ghal habta tal-erbgha w nofs ta’ filghodu. Mistoqsi jekk hux veru li huwa, flimkien ma ommu, ttentaw jisgassaw diversi hwienet f’Wied il-Ghajn f’dak l-lejl li gew imwaqqfa nhar d-disgha ta’ April 2002 meta xi hadd wadbilhom gebla fuq il-vettura tieghu, wiegeb b’mod assolut li dak li kien qed jigi suggerit mill-pulizija ma kienx minnu. Mistoqsi jekk cempilx lil John Polidano dakinhar filghodu kmeni minn fuq il-mobile tieghu u jekk jafux, ghazel li ma jwegibx wkoll. L-ufficjal investigattiv wkoll staqsih jekk jiddispjacihx ghal dak li ghamel u Josef Farrugia wiegeb li hu m’ghamel xejn.

Maria Farrugia wkoll irrilaxxjajt stqarrija [fol 41] u meta giet mistoqsija x’kienet qed taghmel Wied il-Ghajn fil-hamsa w kwart ta’ filghodu meta giet arrestata, hija wiegbet li ghandha ghalqa fl-inhawi ta’ Sant’Antnin u kienet sejra hemmhekk biex twaqqa cint li kien bena zijuha. Mistoqsija jekk kienx minnu dak li gie rappurtat lil pulizija, li hija kienet qed tipprova tisgassa xi hwienet ma binha Josef Farrugia dakinhar aktar kmieni filghodu, hija ghazlet li ma twegibx. Mistoqsija jekk kienetx taf lil ko-akkuzat

John Polidano jew jekk cemplitlux dakinhar, hija wiegbet fin-negattiv.

Illi ghalhekk, minn ezami tal-istess tlett stqarrijiet, ma jirrizultax li l-imputati f'xi hin ammettew li ppartecipaw f'xi allegat attentat ta' serq.

Il-prosekuzzjoni, ma ressqet lil ebda xhud, li allegatament ra lil imputati Farrugia jaghmlu xi sgass ghaliex qalu li dawn n-nies riedu jibqghu anonimi w ghalhekk, dak li setghu qalu lil pulizija, ghandu jigi konsidrat bhala *hear say* u konsegwentement skartat.

Huwa minnu li l-imputati nstabu fl-ekwati f'hin mhux tas-soltu, izda dan ma jfissirx li kienu huma li ghamlu l-attentat ta' serq. Illi l-imputat Farrugia wkoll nstab allegatament b'xi mwies u lieva, pero l-pulizija m'ghogobhiex takkuza lil Josef Farrugia bil-pussess ta' tali arma. Il-fatt li kellu dawn l-ghodod, ma jfissirx bilfors, li kienu gew uzati ghall-allegati sgassi li kien hemm.

Il-pulizija qalet wkoll li fuq it-tieqa, nstabet wkoll xi zebgha safra bhal dik tat-tieqa tal-banka tal-lottu, pero prova forensika dwar dan ma sarx w ghalhekk tali allegazzjoni ma tistax tittiehed bhala xi xhieda korroborattiva ta' dak li kienet qed tipprova tghid il-prosekuzzjoni.

Il-prosekuzzjoni hija tenuta tressaq l-ahjar provi. Hawnhekk qeghdin fil-kamp penali u dak li hu possibbli li jigri jew li possibbli li jista jigri, mhux prova ammissibbli. Il-provi li trid tiddecidi fuqhom il-Qorti, huma dawk biss li jirrizultaw fl-atti u kongetturi ta' fatti, mhux ammessi. Huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova li l-imputati mhux innocenti, u dan trid tghamlu billi bil-provi taghha li bihom twassal lil min irid jiddecidi sa dak l-grad ta' konvinciment morali bla dubbju dettat mir-raguni. Minn naha tal-prosekuzzjoni, allegazzjonijiet ta' x'setgha gara probabbilment jew possibilment, ma jikkostitwixxu ebda prova valida. Mill-banda l-ohra, l-imputati prezunti nnocenti, m'ghadhom jippruvaw xejn, izda jekk ihossu li ghandhom jippruvaw xi haga, dan jistghu jghamluh, anke jekk jaslu sal-grad ta' probabbli.

Huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarja hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, huwa veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu ***Criminal Practice [1997 Edition para 10 - 3]*** b'referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet **Teper vs The Queen [1952]** jghid:

*"Circumstantial evidence, is receivable in Criminal as well as in Civil Cases, and indeed, the necessity of admitting such evidence, is more obvious in the former than in the latter, for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses, or by conclusive documents, much more than in civil cases, and where such testimony is not available. The Jury are permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only, because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another… It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance whti would weaken or destroy the inference."*

Illi din hija ezattament l-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt gie konfermat b'sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Jannar 1998,*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuel Seisun**.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Gunju, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Lee Borg**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe <u>mhux</u> ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u <u>hadd iktar, anzi l-akkuzat biss</u>, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

Il-Qorti tinnota, li l-imputati Josef Farugia u Maria Farrugia, kienu gew akkuzati bir-reat kif dispost taht l-artikolu 287 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe li kienu fil-pussess ta’ ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta’ serratura minghajr ma taw kull spjegazzjoni ghal liema skop legittimu nstabu ghandhom f’dak iz-zmien, u din hi proprju l-akkuza li messha nghatat bil-provi li ressqet il-prosekuzzjoni. Pero minn ezami tal-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbatax ta’April 2005, tali akkuza m’inghatatx w ghalhekk din il-Qorti ser tieqaf hawn dwar dan.

Illi ghalhekk **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 18, 41, 42, 261(b)(c), 263, 267, 278, 279, 49, 50 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ma ssibx lil imputati JOSEF FARRUGIA, MARIA FARRUGIA u JOHN POLIDANO hatja tal-akkuzi kollha kif moghtija mill-Avukat Generali u tilliberhom minnhom.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lil imputati jhallsu l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, il-Qorti tastjeni milli konjizzjoni ta' tali talba stante li ma sabitx lit-tlett imputati hatja.**

**Finalment, il-Qorti tordna r-rilaxx tal-oggetti esibiti bhala dokument KA 116/03 [mobile tal-marka Eriksson, tornavit, lieva u mobile tal-marka Nokia] mill-Ispettur Morgan Azzopardi fix-xhieda tieghu tal-hdax [11] ta’ Gunju 2003.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------